**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 25 ta' Settembru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**(Supretendent Kylie Borg)**
**vs**
**Philip Said**

Każ. nru. 38/2016 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Philip Said**, iben Nicola u Sylvia nee` Portelli, imwieled Siġġiewi fis-7 ta' Settembru 1952 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 781052M

Akkużat talli bejn Lulju 2007 u Lulju 2013, kif ukoll fil-ġranet u s-snin li jiġu immedjatament wara dan il-perjodu, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju, u ċioe ħlas ta' qligħ kapitali u bolol fuq kuntratti ta' bejgħ ta' proprjeta, għad-dannu tal-Gvern tal-Malta u/jew ta' Anthony Gauci (ID 324677M), Theresa Gauci (ID 413979M), Pauline Vella (ID 666640M), Richard Gauci (ID 318574M), Jeffrey Paul Mifsud (ID 116574M), sharon Mifsud (ID 190776M), Nikolina Cutajar (ID 795444M), Donald Cutajar (ID 300769M), Benjamino Caruana (ID 230240M), Grazia Caruana (ID 93346M), Joseph Aquilina (ID 191151M), Maria Aquilina (ID 786751M), James Aquilina (ID 636482M), Brian Aquilina (ID 439881M), Marion Aquilina (ID 369987M), u Agnese Camilleri (ID 796332M) b'valur li jeċċedi l-ħamest elef ewro (€5,000);

2. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000);
3. Bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, jew seraqhom, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' Anthony Gauci (ID 324677M), Theresa Gauci (ID 413979M), Pauline Vella (ID 666640M), Richard Gauci (ID 318574M), Jeffrey Paul Mifsud (ID 116574M), sharon Mifsud (ID 190776M), Nikolina Cutajar (ID 795444M), Donald Cutajar (ID 300769M), Benjamino Caruana (ID 230240M), Grazia Caruana (ID 93346M), Joseph Aquilina (ID 191151M), Maria Aquilina (ID 786751M), James Aquilina (ID 636482M), Brian Aquilina (ID 439881M), Marion Aquilina (ID 369987M), u Agnese Camilleri (ID 796332M);
4. U aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolożament bi ksur ta' dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel dmiru b'tagħkis jew ħsara għad-danni tal-Gvern tal-Malta u/jew ta' Anthony Gauci (ID 324677M), Theresa Gauci (ID 413979M), Pauline Vella (ID 666640M), Richard Gauci (ID 318574M), Jeffrey Paul Mifsud (ID 116574M), sharon Mifsud (ID 190776M), Nikolina Cutajar (ID 795444M), Donald Cutajar (ID 300769M), Benjamino Caruana (ID 230240M), Grazia Caruana (ID 93346M), Joseph Aquilina (ID 191151M), Maria Aquilina (ID 786751M), James Aquilina (ID 636482M), Brian Aquilina (ID 439881M), Marion Aquilina (ID 369987M), u Agnese Camilleri (ID 796332M);
5. U aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;
6. U aktar talli bħala nutar naqas li jħallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taħt id-disposizzjonijiet tal-Att 346 fuq xi att riċevut minnu, kif ukoll li naqas li jikkonforma ruħu ma' kull taxxa mposta fuqu b'regolament li jsir taħt l-Att 364;
7. U aktar talli rrenda ruħu reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., nhar l-1 ta' Marzu 2012 liema sentenza li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-22 ta' Marzu 2021 (*fol* 652) fejn l-Avukat Ġenerali dehrilha li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) fil-konfront tal-imputat taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 18, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18 u 127(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 18, 138 u 140 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 18 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikolu 50(a)(c) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 7, 8, 10, 11, 15A(1)(2), 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' April 2021 l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jinstema` u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' digriet data 2 ta' Frar 2024;

Rat illi waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu 2024 il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jeżentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu diġa xehdu quddiem il-Qorti diversament prejseduta;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ispettur Kylie Borg** xehdet li kienet irċeviet żewġ kwereli mingħand Benjamino u martu Grace Caruana, u Joseph u martu Maria Aquilina, fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ dwar kuntratti li kienu saru quddiem l-imputat in-Nutar Philip Said u li ma kinux ġew irreġistrati. Hija kienet tkellmet mal-Ispettur Rennie Stivala u kienu ddeċidew li jkellmu lill-imputat flimkien peress li l-Ispettur Stivala kien ukoll irċieva żewġ kwereli fir-rigward tal-imputat. Spjegat li hija u l-Ispettur Stivala kienu bagħtu għall-imputat fit-8 ta' Ġunju 2015, li dakinhar kien irrilaxxa stqarrija wara li rrinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat, kopja ta' liema tinsab esebita fl-atti a *fol* 6 – 11.

**In kontro-eżami** ikkonfermat li mill-investigazzjonijiet tagħha irriżultalha li l-imputat kien suġġett ta' sekwestri.

**Anthony Gauci** xehed li huwa ried jixtri għalqa mingħand Pauline Vella u kien mar għand l-imputat, li huwa għaraf fl-awla, fit-30 ta' April 2008 biex isir il-kuntratt relattiv u dakinhar kien ħallas il-boll dovut, li kien fis-somma ta' €1,164, li kien għadda lill-imputat fi flus kontanti. Spjega li huwa diġa kellu esperjenza f'dak li jirrigwarda il-ħlas ta' boll fuq kuntratti, u għalhekk kienet qed jistenna li jirċievi l-irċevuta tal-ħlas, iżda din kien baqgħet ma waslitx. Qal li għalhekk huwa kien mar kellem lill-imputat xi darbtejn li kien jgħidlu li għandu jmur iħallashom. Ikkonferma li sa tlett xhur qabel tax-xhieda tiegħu, u ċioe fit-23 ta' Frar 2016, il-boll kien għadu ma tħallasx u l-kuntratt kien għadu ma ġiex irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku. Qal ukoll li l-imputat dejjem qallu li ser iħallas il-flus għax kellu kollox marbut, u dan anke sa seba` xhur qabel ix-xhieda tiegħu. Kopja tal-kuntratt relattiv tinsab esebita in atti a *fol* 31 – 33.

**Nikola Cutajar** xehdet li hi u r-raġel tagħha kienu marru għand l-imputat fuq kwistjoni relatata ma' suċċessjoni, u kienet tiġri wara l-imputat biex kemm jista' jkun il-proċess jitlesta fi żmien sitt xhur. Meta kien kollox lest hija kienet marret, iffirmat, u ħarġitlu ċekk ta' €5267.03, kopja ta' liema tinsab esebita fl-atti a *fol.* 51 -52, immarkata bħala Dok NC1. Qalet li sussegwentement kienet semgħet fuq it-television li suppost kienet irċeviet biljett ċelesti bħala riċevuta tal-ħlas iżda hija

qatt ma rċeviet xejn f'dan is-sens. Xi żmien wara kienet marret għand bint l-imputat, u ċioe n-Nutar Jessica Said, biex iddawwar għalqa fuq binha, u n-Nutar Jessica Said kien sabet li fuq il-garaxx ma kinitx tħallset it-taxxa fuq is-suċċessjoni, u għalhekk kellha terġa tħallas €1,000 oħra taxxa. Għalhekk in-Nutar Jessica Said kienet għamlet xi verifiki u kienet sabet li t-taxxa tas-suċċessjoni ma kinitx ġiet imħallsa mill-imputat, li hija għarfet fl-awla.

**Ri-prodotta** xehdet li meta kienet tkellmet mal-imputat fuq il-fatt li ma kienet irċeviet xejn li jikkonferma l-ħlas, l-imputat kien qalilha li jekk kollox ikun sew ma jirċievu xejn. Żiedet li pero meta marret għand bintu, in-Nutar Dr. Jessica Said, hija kienet qaltilha li suppost kellhom jirċievu biljett, u wara verifiki li saru minn din in-Nutar kien irriżulta li l-ħlas ma kienx sar. Xehdet li għalhekk kienet marret il-bank u hemmhekk kienu kkonfermawlha li ċ-ċekk li kienet ħarġet lill-imputat kien issarraf. Ix-xhud preżentat kopja tal-*causa mortis* addizzjonali li saret fid-19 ta' Diċembru 2014 fir-rigward tas-suċċessjoni ta' Carmelo Cutajar li ġie nieqes fl-20 ta' Diċembru 2007, li ġiet immarkata bħala DOK NCX1 (*fol* 325 *et seq*). Ix-xhud esebiet ukoll il-*causa mortis* datata 29 ta' Mejju 2008 magħmula fir-rigward tas-suċċessjoni ta' Carmelo Cutajar, li ġiet immarkata bħala DOK NCX1 (*fol* 357 *et seq),* li kienet saret mill-imputat li għarfet fl-awla. Xehdet li dakinhar kienet għaddiet is-somma ta' €5,264.12 permezz ta' *bank draft* lill-imputat maħruġ f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi fuq struzzjonijiet tal-imputat. Żiedet li minn verifiki li għamlet mal-bank jirriżulta li dan il-*bank draft* kien issarraf l-għada jew jumejn wara biex jitħallas kont ta' xi ħaddieħor.

**In kontro-eżami** xehdet li hija kienet għaddiet il-ħlas tat-taxxi dovuta għal *causa mortis* lill-imputat u kienet staqsiet lil bint l-imputat, in-Nutar Dr. Jessica Said, biex tivverifika jekk dan tħallasx peress illi ma kienet irċeviet l-ebda irċevuta. Żiedet li meta kienet tkellem lill-imputat fuq dan kien jgħidilha li jekk ma tirċievi xejn ikun kollox sewwa. Xehdet li n-Nutar Dr. Jessica Said kienet qaltilha li peress li din ma kinitx ġiet reġistrata kienet qed tiġi mposta multa u li għalhekk kien jaqblilha tħallas. Qalet li hija kienet ħalliet f'idejn l-imputat u kienet tafdah għaliex kien anke n-nutar tal-ġenituri tagħha, u ma basritx li kien ser jagħmlilha hekk.

**In ri-eżami** xehdet li kienu għaddew seba` snin minn meta saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* li kienet avviċinat lin-Nutar Dr. Jessica Said biex tivverifika jekk din kinitx ġiet irreġistrata. Mistoqsija fuq xiex kienet ħallset is-somma ta' €5,264.12 xehdet li din kienet ħallsitha dwar biċċa għalqa żgħira u mhux għal *causa mortis.*

**Brian Aquilina** xehed li huwa kien xtara għalqa mingħand Agnes Camilleri u fil-15 ta' Awissu 2008 kienu marru għand l-imputat, li għaraf fl-awla, sabiex isir il-kuntratt ta' komprovendita. Qal li dakinhar hu kien għadda l-flus lin-Nutar li kienu jirrappreżentaw l-ammont dovut biex jiġi insinwat il-kuntratt u l-boll dovut fuqu, u ftit wara kien mar jivverifika miegħu li l-akkwist kien reġistrat, u n-Nutar kien qallu li kollox kien sew. Spjega li sussegwentement kien mar biex jixtri post u kellu bżonn *loan* mill-bank, li wara li għamlu verifiki minn naħa tagħhom kien qalulu li l-akkwist tal-għalqa ma kienx ġie reġistrat. Huwa kien għalhekk mar għand l-imputat li kien assigurah li kien ser jirreġistra l-kuntratt, iżda minkejja li kien mar kemm -il darba għand l-imputat huwa baqa` ma rreġistrahx. Kopja ta' dan il-kuntratt ġiet esebita mix-xhud u mmarkata bħala Dok BA1, li tinsab a *fol.* 57 – 60 tal-atti. Ix-xhud preżenta wkoll dokument immarka bħala Dok BA2, a *fol.* 61, li qal

li huwa riċevuta maħruga minn-Nutar Said li turi li hu u martu Marion Aquilina kienu ħallsu lill-imputat is-somma ta' €1849.69.

**Joseph Aquilina** xehed illi wara l-mewt ta' ibnu James Aquilina kienu saru jafu li l-kuntratt ta' akkwist tal-proprjeta tiegħu ma kienx ġie insinwat, u sussegwentement saru jafu wkoll li l-akkwist tagħhom ta' għalqa f' Ħaż-Żebbuġ ukoll ma kienx ġie insinwat. Qal illi huma kienu ħallsu lill-imputat, u għalhekk kienu marru jkellmuh u kien qalilhom li kien ser ikun hemm xi imgħax x'jitħallas u ftehmu li dan l-imgħax kellu jitħallas min-nutar. Ix-xhud preżenta kopja ta' rċevuta maħruġa min-Nutar fis-17 ta' Marzu 2013 immarkata bħala DOK JA1 (*fol* 68), kopja ta' kuntratt data 15 ta' Marzu 2013 immarkat bħala DOK JA2 (*fol* 70) u kopja ta' kuntratt datat 26 ta' April 2013 immarkat bħala DOK JA3 (*fol* 74).

**In kontro-eżami** u mistoqsi jekk għandux interess li jitkomplew dawn il-proċeduri in vista tax-xhieda tiegħu dwar il-ftehim li ntlaħaq mal-imputat, xehed illi għalih l-importanti huwa li l-imputat iħallas kollox skont il-ftehim li kien sar bejniethom.

**Ri-prodott** xehed li d-dokumenti a *fol* 74 *et seq* tal-atti jirrigwardaw għalqa Ta' Kilba, fis-Siġġiewi, u spjega li meta kienu marru biex ikejlu l-għalqa kienu sabu li kien hemm ħames kejliet iżjed, u li kien għalhekk li kellu jsir kuntratt ieħor.

**In kontro-eżami** xehed li meta kien sar dan il-kejl huma kienu diġa xtraw l-għalqa, u li kien għalhekk li l-imputat kellu jagħmel żewġ kuntratti. Ikkonferma li hu kien għamel il-ħlas dovut għall-bollol. Mistoqsi jekk għamilx xi ħaġa oħra dwar din l-għalqa wieġeb li le, li ma sar xejn iktar fuq dak il-kuntratt, ma kellimx nutar ieħor dwaru u li ma jafx li saret xi ħaġa oħra dwaru.

**Mary Aquilina** xehdet illi apparti l-problemi fir-rigward tal-kuntratti mmarkati bħala DOK JA1 u DOK JA2, li kkonfermat ukoll bil-ġurament tagħha, hi u żewġha Joseph Aquilina kellhom ukoll *causa mortis* li ma kinitx ġiet imħallsa mill-imputat. Hija preżentat riċevuta ta' ħlas li kien għamel binha James Aquilina lill-imputat fir-rigward tax-xiri ta' proprjeta fil-Marsa, immarkat bħala DOK MA1 (*fol* 82), li wara l-mewt tiegħu skoprew li ma kinitx ġiet insinwata. Xehdet li kienu iltaqgħu mal-imputat diversi drabi biex jipprovaw jirrisolvu dawn il-kwistjonijiet u kull darba kien jgħidilhom li kien lest li jħallashom, iżda sa dakinhar ma kienu għadhom tħallasu xejn mingħandu.

**Ri-prodotta** xehdet li binha James, li kien laħaq ġie nieqes, kien xtara kamra u l-kuntratt relattiv kien ġie ppubblikat mill-imputat li għarrfet fl-awla. Spjegat li dakinhar li sar il-kuntratt hi u żewġha kienu preżenti u missieru kien anke selfu xi flus għall-inswinazzjoni tal-att. Xehdet li tiftakar li kienu għaddew il-flus lill-imputat li kien qalilhom li kien ser jinsinwa l-kuntratt, iżda eventwalment kienet saret taf li dan il-kuntratt filfatt ma kienx ġie insinwat. Binha stess kien qalilha li waqt li kien qiegħed jixtri proprjeta oħra, in-nutar li kien qabbad fuq dak il-kuntratt, kien skopra li l-kuntratt ippubblikat mill-imputat ma kienx ġie insinwat. Minħabba f'hekk hi u żewġha kienu għamlu verifiki dwar il-kuntratt ta' akkwist ta' għalqa li kienu għamlu hi u żewġha u li kien ġie ppubblikat ukoll mill-imputat. Spjegat li n-Nutar tal-Gvern kien ikkonfermalhom li dan il-kuntratt ma kienx ġie insinwat. Xehdet li hi u żewġha m'għandhom l-ebda kont pendenti mal-imputat għaliex huma kienu ħallsuh biex jinsinwa l-kuntratt u ma kien insinwa xejn. Ix-xhud preżentat email immarkata

bħala DOK MA1 (*fol* 250) mibgħut min-Nutar tal-Gvern Dr. Keith German li jikkonferma li l-ammonti li kienu għadom iridu jitħallsu fuq tlett kuntratti datati 2 ta' Ġunju 2007, 26 ta' April 2013 u 15 ta' Awissu 2008.

**In kontro-eżami** qablet li fuq l-għalqa ta' Kilpa kien hemm kwistjoni dwar il-kejl tant li kien hemm kawża pendenti l-Qorti. Fir-rigward tal-*causa mortis* ta' binha James, qablet ukoll li l-avukat tagħhom kien tahom parir li s-soluzzjoni għall-problema kienet li jmorru għand bint l-imputat, in-Nutar Dr. Jessica Said, biex issir korrezzjoni biex ħutu jiġu l-eredi tiegħu, kif filfatt sar. Mistoqsija jekk allura taqbilx li dwar din il-*causa mortis* m'għandhom l-ebda aktar pendenzi mal-imputat, xehdet li l-flus li kienu ħallsuh għadhom ma ħaduhomx lura.

**In ri-eżami** xehdet li hi u żewġha ħallsu lin-Nutar Dr. Jessica Said sabiex tagħmel il-korrezzjoni.

**Ri-prodotta** preżentat dokument immarkat bħala DOK MAX1 (*fol* 314 *et seq)* li hija l-*causa mortis* ta' binha James Aquilina u preżentat ukoll l-irċevuti tal-ħlasijiet li kienet semmiet fix-xhieda preċedenti tagħha, li ġew immarkati bħala DOK MAX2. Xehdet illi fir-rigward ta' proprjeta minnhom kienu saru żewġ kuntratti għaliex kien hemm xi ħaġa ħażina u sar kuntratt ieħor fis-26 ta' April 2013 fejn attenda biss żewġha. Dan il-kuntratt ġie esebit u mmarkat bħala DOK MAX3 (*fol* 317 *et seq*) Xehdet li n-Nutar Dr. Jessica Said, bint l-imputat, kienet qalilthom li l-pjanta ma kinitx tajba. Mistoqsiha għalfejn l-imputat kien qalilhom li kien hemm bżonn li jsiru żewġ kuntratti wieġeb li ma kinitx taf.

**Benjamino Caruana** xehed li huwa kien xtara arja ta' fond f'Buġibba, u kien għadda lill-imputat ħlas kemm tas-servizzi tiegħu u kif ukoll tal-boll dovut lil Gvern, li kien f'somma ta' aktar minn tlett elef ewro (€3,000) biex il-kuntratt ikun jista` jiġi insinwat. Spjega li l-ammont kien tħallas permezz ta' ċekk, u żied li l-kuntratt ma kienx ġie insinwat mill-imputat. Ix-xhud esebixxa u kkonferma bil-ġurament tiegħu kopja tal-kuntratt ta' akkwist data 23 ta' Lulju 2013, immarkat bħala DOK BC1 (*fol* 90), kopja tal-irċevuta maħruġa mill-imputat datata 22 ta' Ottubru 2013, immarkat bħala DOK BC2 (*fol* 92) u kopja ta' ċekk datat 23 ta' Ottubru 2013, immarkat bħala DOK BC3 (*fol* 93). Xehed li huwa ċempel lill-imputat kemm -il darba dwar dan iżda l-imputat qatt ma wieġbu u qatt ma tah risposta li kien insinwa dan il-kuntratt.

**Ri-prodott** xehed li fid-29 ta' Ottubru 2013 huwa kien għadda ċekk lill-imputat, esebit u mmarkat bħala DOK BCX1 (*fol* 208). Spjega li huwa kien għadda dan iċ-ċekk lill-imputat vojt, billi iffirma u ħallas lilu jimla d-dettalji neċċessarji fih, u żied li d-dettalji li hemm fuq dan iċ-ċekk ma kinux inkitbu quddiemu. Xehed li huwa ġab id-dokument immarkat bħala DOK BCX1 mill-bank HSBC wara li talab kopja taċ-ċekk. Żied li huwa ma jafx min hu Joseph Muscat li huwa imniżżel fuq dan iċ-ċekk, u li ma kellux jagħti €622.86 lil xi Joseph Muscat.

**In kontro-eżami** xehed illi s-somma msemmija kienet tirrapreżenta l-miżata dovuta lill-imputat għas-servizzi tiegħu. B'referenza għad-dokument esebit a *fol* 93 tal-atti qabel li l-imputat kien qasam dak li kien dovut lilu u dak li kien dovut bħala taxxa fuq żewġ ċekkijiet differenti u li fir-rigward tat-taxxa l-imputat kien

talbu *bank draft.* Qabel li l-imputat kien ħariġlu *invoice* u li l-ammont maħruġ fiċ-ċekkijiet ikopri eżattament l-ammont indikat f'din l-*invoice.*

**In ri-eżami** xehed li huwa inkariga lin-Nutar Ian Spiteri biex jirreġistra l-kuntratt in kwistjoni, u kellu jerġa jħallas il-flus tar-reġistrazzjoni. Xehed li huwa ħareġ ċekk datat 6 ta' Marzu 2017 fl-ammont ta' €3,060 u ieħor fl-ammont ta' €1,275 fl-istess datat. Kopja ta' dawn iċ-ċekkijiet ġew esebiti u mmarkati bħala DOK BCX2.

**Ri-prodott** xehed li l-imputat kien eventwalment taghhom kopja tal-kuntratt ippubblikat minnu biss dakinhar li kienu dehru l-Qorti l-aħħar. Spjega li dan kien ġie użatt min-Nutar li qabdu sussegwentement, u ċioe in-Nutar Spiteri, sabiex tħallset it-taxxa dovuta u ġie insinwat. Ix-xhud preżenta kopja tal-irċevuti tal-ħlas, immarkati bħala DOK BCX1 u kopja tal-kuntratt, immarkat bħala DOK BCX2.

**In kontro-eżami** xehed li meta kienu marru għand in-Nutar Spiteri u mbagħad marru għand in-Nutar tal-Gvern dan kien qalilhom li l-imputat ma kienx għadu nutar u għalhekk ma setax jagħmlilhom il-kuntratt hu. Żied li l-imputat ma kienx qallu li ma kienx għadu nutar, u li kien sempliċiment qallu li kien ser jagħtihom il-karti biex imorru jirranġaw man-Nutar tal-Gvern. Mistoqsi kemm il-darba marru għand l-imputat dwar dan il-kuntratt xehed li kienu marru darbtejn, darba biex sar il-konvenju u darba oħra biex gie ppubblikat il-kuntratt finali.

**In ri-eżami** xehed li l-komparenti fuq il-kuntratt ta' bejgħ kienu l-istess bħal komparenti fuq il-konvenju, u kkonferma li lill-imputat kienu ħallsuh dakinhar tal-kuntratt. Xehed li l-imputat qatt ma kellu li l-kuntratt ma setax isir għax miet wieħed mill-vendituri wara li kien laħaq ġie ffirmat u mħallas kollox.

**Grace Caruana** xehdet li kienu xtraw l-arja ta' fond, u l-kuntratt relattiv kien ġie ppublikat mill-imputat, li għarfet fl-awla, u li kien qalilhom li kien ser jibgħatilhom l-irċevuta wara, iżda din l-irċevuta qatt ma wasslet. Spjegat li l-flus li kienu għaddew lin-Nutar biex jitħallas il-boll dovut kien tħallas permezz ta' ċekk li kien ħareġ żewġha, li għarfet bħala ċ-ċekk li kopja tiegħu tinsab esebita fl-atti u mmarkata bħala DOK BC3. Spjegat li minn dak iż-żmien kienu marru għand l-imputat kemm -il darba iżda qatt ma fetaħ il-bieb, u lanqas ma kien jirrispondi t-telefonati tagħhom.

**Ri-prodotta** ikkonfermat li d-dokument esebit a *fol* 90 huwa l-konvenju tal-arja li xtraw hi u żewġha u li dan id-dokument kienet ratu għand l-imputat meta sar. Xehdet li l-imputat kien qalilhom biex imorru darb oħra biex isir il-kuntratt finali. Xehdet li l-imputat kien qalilhom li kien ser jibgħatilhom il-kuntratt bil-posta, iżda qatt ma għamel hekk, u bdew iċemplulu iżda ma kienx jirrispondi u lanqas ma kienu jsibuh l-uffiċju. Mistoqsija x'ħallsu dakinhar li sar il-kuntratt wieġbet li dakinhar ma kienu ħallsu xejn. Murija DOK CBX2 xehdet li dan id-dokument kien sar għand in-Nutar German meta reġu ħallsu kollox, minkejja li kienu diġa ħallsu kollox lill-imputat.

**In kontro-eżami** xehdet li ma kinitx taf jekk kienx hemm xi kwistjoni dwar kif ġiet ikkalkulata t-taxxa.

**In-Nutar Joseph Abela** xehed li skont l-informazzjoni li għandu l-Kunsill Notarili, l-imputat kien ħa l-warrant ta' nutar f'Ġunju 1983 u kien irrinunzja għall-istess warrant b'effett mill-5 ta' Mejju 2016. Ix-xhud esebixxa kopja tan-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern meta l-imputat kien irrinunzja għall-warrant, li ġiet immarkata bħala DOK JAX1 (*fol* 108). Ix-xhud ukoll ikkonferma li kien hemm xi perjodu mill-2013 -il quddiem meta l-warrant tal-imputat kien ġie sospiż.

**Jeffrey Paul Mifsud** xehed li huwa kien xtara għalqa fil-limiti tas-Siġġiewi mingħand ċertu Richard Gauci, u l-konvenju u l-kuntratt ta' akkwist finali kienu ġew pubblikati mill-imputat. Xehed li l-kuntratt ta' akkwist kien sar fid-29 ta' Settembru 2010 u huwa kien ħallas lill-imputat, u żied li l-imputat ma kienx ried li l-ħlas isir b'ċekk u talbu biex iħallas bi flus kontanti. Kompla li kull tlieta jew erba` ġimgħat kien imur jiċċekkja biex jara li rċevew il-karta ċelesti tal-ħlas tat-taxxa, u kull darba, l-imputat kien jassigurah li kien ser jirċiviha. Xehed li xi żmien wara kien qara fuq il-gazzetta illi żewġ anzjani kienu ressqu lill-imputat il-Qorti għax ma kienx ħallsilhom it-taxxa, u beda jissusspetta li kien hemm xi ħaġa ħażina fir-rigward tal-kuntratt tiegħu. Qal li għalhekk biex ikun ċert kien mar għand nutar ieħor fl-uffiċini ta' *Mangion and Mangion* biex jagħmillu r-riċerka, u dan in-nutar kien ikkonfermalu li l-kuntratt ta' akkwist tal-għalqa fil-limit tas-Siġġiewi ma kienx ġie insinwat. Xehed li l-imputat kien għamel ħabta jitolbu ż-żmien u jgħidlu li kienu ser jirranġaw, u mbagħad bgħatu għand it-tifla tiegħu biex jirranġa magħha. Ix-xhud preżenta kopja ta' kuntratt data 25 ta' Settembru 2010, immarkat bħala DOK JM1 (*fol* 115).

**Ri-prodott** xehed li n-nutar li għamel referenza għalih fix-xhieda tiegħu huwa l-imputat, li għaraf fl-awla.

**Sharon Mifsud** xehdet li hi u żewġha kienu marru għand l-imputat biex jagħmlu kuntratt ta' akkwist ta' għalqa ma' ċertu Richard Gauci. Xehdet li huma kienu għaddew il-ħlas tat-taxxa lill-imputat u kienu ħallsuh fi flus kontanti fuq insistenza tal-imputat stess.

**Ri-prodotta** xehdet li n-nutar li għamlet referenza għalih fix-xhieda tagħha huwa l-imputat li għarfet fl-awla.

**Therese Gauci** xehdet li hi u żewġha Antoine Gauci kien dehru akkwistaw għalqa fit-30 ta' April 2008 mingħand Pauline Vella, u l-kuntratt kien ġie ppubblikat mill-imputat. Xehdet li huma kien ħallsu s-somma ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500)rappreżantanti t-taxxa dovuta minnhom u s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) rappreżentanti t-taxxa dovuta mill-venditriċi. Spjegat li dawn l-ammonti kienu għaddewhom lill-imputat fi flus kontanti, u żiedet li qatt ma kienu rċevew l-irċevuta li tikkonferma l-ħlas tat-taxxa. Xehdet li minħabba f'hekk huma kienu marru jkellmu lill-imputat dwar dan diversi drabi, iżda huwa kull darba kien jgħidilhom biex ma jinkwetawx u jassigurahom li kien ser iħallas it-taxxa, iżda eventwalment l-imputat kien qalilhom li kienu ssekwestrawlu kollox u li għalhekk ma seta` jagħmel l-ebda ħlas. Ix-xhud ikkonfermat bil-ġurament tagħha il-kopja tal-kuntratt li ġiet immarkat bħala DOK AG1. Xehdet li apparti dan il-kuntratt kienu dehru fuq kuntratt ieħor li kien ġie ppubblikat mill-imputat, fejn il-kompratur kien Jeffrey Mifsud, u għarfet il-kopja tal-kuntratt immarkata bħala DOK JMX1.

**In-Nutar Joseph Abela** xehed illi l-imputat kien tqiegħed mal-lista tan-nutara li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'avviż ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern data 23 ta' Diċembru 1983. Xehed li fil-5 ta' Awwissu 2014 kienet dehret notifika fil-Gazzetta tal-Gvern fuq nuqqas ta' ħlas ta' boll relatat ma' att ta' permuta fejn Paul Attard kien akkwista porzjon ta' art mingħand l-aħwa Micallef, liema kuntratt ippubblikat mill-imputat. Sussegwentement, fl-14 ta' Awissu 2014 kien ġie ppubblikat avviż li l-imputat kien ġie inabilit temporanjament b'effett mis-7 ta' Awwissu 2014 sakemm il-Qorti tiġi nfurmata li l-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2013 ġie insinwat u t-taxxa dovuta fuqu ġiet imħallsa. Imbagħad, permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Ottubru 2014 kienet ġiet imwaqqfa l-inabilitazzjoni temporanja li kienet ġiet inflitta fuq l-imputat. L-imputat kien reġa ġie inabilit temporanjament b'effett mill-15 ta' Jannar 2015 u kien irrinunzja għall-warrant tiegħu fil-5 ta' Mejju 2016. Ix-xhud preżenta rapport b'elenku tal-avviżi li dehru fuq il-Gazzetta tal-Gvern relattivi għall-imputat, li ġie immarkat bħala DOK JA1 (*fol* 136), u kopja tal-estratti relevanti (*fol* 138 -153).

**Nicholas Sciberras** xehed li huwa kien xtara garaxx mingħand Mark u Ritienne Azzopardi fit-18 ta' Awissu 2003 u kien għadda żewġ ċekkijiet lill-imputat, wieħed mija u ħamsa u sittin lira u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm165.69) rappreżentanti l-ħlas dovut lill-imputat għas-servizzi tiegħu u ieħor ta' tlett mitt lira (Lm300) rappreżentanti l-boll dovut fuq il-kuntratt. Xehed li dawn iż-żewġ ċekkijiet kien ħariġhom fuq isem l-imputat, fuq struzzjonijiet tal-imputat stess, u żied li dawn iċ-ċekkijiet kienu ssarfu fl-20 ta' Awissu 2003. Xehed li eventwalment, wara li sar jaf li l-imputat kellu xi inwkiet il-Qorti, ħass li kellu jivverifika li dan il-kuntratt kien ġie insinwat, u għalhekk kien mar għand in-Nutar Bonavia li kien infurmah li filfatt il-kuntratt ma kienx ġie insinwat. Ix-xhud preżenta *cheque images* taż-żewġ ċekkijiet datati 18 ta' Awissu 2003, immarkati bħala DOK NS1 (*fol* 161).

**In kontro-eżami** ikkonferma li fuq il-kuntratt kien ċar li l-kompratur kellu jħallas il-*capital gains tax.* Mistoqsi jekk jiftakarx li l-imputat kien għamilha ċara li ma setax jinsinwa l-kuntratt jekk ma titħallasx din it-taxxa wieġeb li ma jiftakarx id-diskors li kien intqal. Ix-xhud preżenta kopja tal-kuntratt ta' komprovendita data 18 ta' Awissu 2003, immarkat bħala DOK NS2 (*fol* 162).

**In ri-eżami** xehed li huwa kien ħallas il-boll dovut minnu u l-pagament għas-servizzi tan-nutar u l-vendituri kienu ħallsu l-parti tagħhom, għalkemm ma ftakarx jekk kinux ħallsu permezz ta' ċekk jew bi flus kontanti.

**Lourdes Sciberras** xehded li hija kienet xtrat għalqa mingħand il-familja Muscat fi Frar tas-sena 1991 u l-kuntratt kien ġie ppublikat mill-imputat, li għarfet fl-awla. Spjegat li kienu ħallsu u n-Nutar kien ħareġ riċevuta. Spjegat li sussegwentement kien marret tagħmel rapport mal-pulizija għaliex binha kien mar jagħmel xi verifiki dwar garaxx li kien xtara permezz ta' kuntratt ippubblikat mill-imputat u kien sar jaf li dan il-kuntratt qatt ma kien ġie insinwat, u meta għamel verifiki dwar din l-għalqa kien sab li anke dan il-kuntratt ma kienx ġie insinwat. Xehdet li imbagħad bint l-imputat stess, li hija n-nutara, kienet ikkonfermatilha li dan il-kuntratt ma kienx ġie insinwat. Ix-xhud preżentat kopja ta' riċevuta maħruġa mill-imputat datata 28 ta' Jannar 1991 u kopja tal-kuntratt data 6 ta' Frar 1991, it-tnejn immarkati flimkien bħala DOK LS1 (*fol* 168).

**Richard Gauci** xehed u kkonferma illi l-kuntratt esebit a *fol* 115 *et eq* tal-atti huwa kuntratt li kien sar quddiem l-imputat, li għaraf fl-awla, permezz ta' liema hu, ħuħ u martu kienu biegħu tomna u kwart raba` lil ċertu Jeffrey. Xehed li huma kienu ħallsu t-taxxa dovuta lill-imputat, u sussegwentement kienu bgħatu għalihom il-pulizija għaliex il-kompratur kien mar jirraporta li l-imputat ma kienx ħallas it-taxxa u ma kienx insinwa l-kuntratt. Xehed li l-imputat baqa` ma ħallas xejn, u dan minkejja li kien ltaqu` mal-imputat numru ta' drabi u kull darba kien jgħidilhom li kellu kollox marbut bil-Qorti iżda kif ikollu l-flus kien ser iħallas. Xehed li imbagħad kien sar kuntratt ieħor li ġie ppubblikat minn bint l-imputat, u kien reġa ħallas kollox il-kompratur.

**In kontro-eżami** u mistoqsi jekk jiftakarx li l-imputat kien qallu li kien hemm nieqsa xi pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet li kellha tiġi preżentata, wieġeb li kienu għaddew kollox lil-imputat, bil-pjanti kollha inkluż il-pjanta tas-surveyor.

**Pauline Vella** xehdet li hija kienet biegħet għalqa lejn in-naħa tas-Siġġiewi lil Richard u Antoine Gauci, liema kuntratt kien ġie ppublikat mill-imputat, li għarfet fl-awla. Ix-xhud għarfet il-kopja tal-kuntratt li jinsab esebit fl-atti a *fol* 116 *et seq.* Xehdet li dakinhar li sar il-kuntratt hija kienet ħallset lin-nutar l-ammont dovut lilu għas-servizzi tiegħu, filwaqt li t-taxxa dovuta kienet tħallset kollha mill-kompraturi skont il-ftehim li kienu waslu għalih flimkien. Ix-xhud ma ftakritx jekk kinitx rat lill-kompratur jħallsu t-taxxa li kienet dovuta. Ix-xhud għarfet ukoll il-kuntratt li jinsab esebit a *fol* 31 *et seq* tal-proċess u kkonfermat li dan ukoll kien sar quddiem l-imputat u l-ftehim kien li l-ħlas ta' boll isir kollu mill-kompraturi. Xehdet li hi mingħaliha li kellha kollox sew fuq dawn il-kuntratti, iżda mbagħad kienet ġiet infurmata mill-kompraturi li l-imputat ma kienx insinwa l-kuntratti.

**Joseph Muscat** xehed li l-imputat, li għaraf fl-awla, kien talbu biex issaraflu ċekk vojt, u hu kien għamel hekk u ta l-flus lin-Nutar. Spjega li dak iż-żmien l-imputat kien imur id-dar tiegħu ta' spiss għax kellu xi inwkiet mal-familja tiegħu u fuq il-flus, u fir-rigward ta' dan iċ-ċekk kien talbu sabiex issarrafulu biex il-familja tiegħu ma jkunux jafu dwaru. Muri ċ-ċekk immarkat bħala DOK BCX1, ix-xhud għaraf iċ-ċekk bħala dak li kien qed jixhed fuqu u kkonferma li l-firma u n-numru ta' karta ta' identita huma tiegħu. Żied li kien l-imputat li kien kitiblu ismu fuq iċ-ċekk.

**In-Nutar Dr. Ian Spiteri** xehed illi l-konjuġi Benjamin u Grace Caruana huma l-ġirien tiegħu u kien avviċinawh fuq problema li kellhom dwar kuntratt li kienx ġie insinwat. Xehed li dakinhar hu beda l-proċess biex jirregolarizza l-posizzjoni tal-konjuġi Caruana, u l-att kien eventwalment ġie insinwat minnu fid-19 ta' Mejju 2017 wara li tħallset it-taxxa dovuta dakinhar stess. Spjega li t-taxxa tal-boll kien tammonta għal €1,020 u il-*capital gains tax* għal €3,060. Kopja tad-dokumenti relevanti, inkluż in-nota tal-insinwa, l-ammont ta' taxxa mħallsa u l-approvazzjoni ta' eżenzjoni mill-ħlas ta' penali li kienu dovuti minħabba r-reġistrazzjoni tardiva ġew esebiti u mmarkati bħala DOK IS1 (*fol* 221 *et seq).*

**Michael Mifsud** xehed in rappreżentanza tar-Reġistru Pubbliku u preżenta riċerki fir-rigward ta' Richard Gauci, Anthony Gauci, Therese Gauci u Jeffrey Paul Mifsud u Sharon Mifsud, immarkati bħala DOK MM1, fir-rigward ta' Pauline Vella, Anthony Gauci u Therese Gauci immarkati bħala DOK MM2, fir-rigward ta' Benjamino Caruana, Grace Caruana, Lawrence Bonello u Josephine Abela

immarkati bħala DOK MM3, fir-rigward ta' Oreste Cilia u James Aquilina immarkati bħala DOK MM4, fir-rigward ta' Mario Camilleri, Joseph Aquilina u Mary Aquilina immarkati bħala DOK MM5, fir-rigward ta' Brian Aquilina, Marian Aquilina u Agnes Camilleri immarkati bħala DOK MM6, fir-rigward ta' Nicolina Cutakar u Donald Cutajar immarkati bħala DOK MM7, fir-rigward ta' Nicholas Sciberras, Mark Azzopardi u Ritianna Azzopardi immarkati bħala DOK MM8, u fir-rigward ta' Joseph Sciberras u Lourdes sive Maria Lourdes Sciberras immarkati bħala DOK MM9.

**In kontro-eżami** u mistoqsi jekk ir-riċerki esebiti għamilhomx hu wieġeb li r-riċerki saru minnhom bħala Dipartiment, ġew ivverifikati u awtorizzati u huwa deher in rappreżentanza tad-Dipartiment biex jesebihom.

**Donald Cutajar** xehed li fl-2007 kien miet missieru u għalhekk hi u ommu kienu marru għand l-imputat, li għaraf fl-awla, biex issir id-denunzja. Spjega li huma kienu ħallsu s-somma ta' €5,264 lill-imputat permezz ta' ċekk bankarju li sar fuq isem l-Inland Revenue. Xehed li sussegwentement kien ra program li suppost jirċievu karta li tikkonferma l-ħlas u għalhekk kienu marru jkellmu lill-imputat li kien qalilhom li la jkun kollox sew ma jintbgħat xejn. Żied li mbagħad kienu marru għand bint l-imputat peress li hi nutar ukoll u meta għamlet il-verifiki neċessarji qaltilhom li ma kellhom xejn imħallas u li x'aktarx kien ser ikollhom jerġu iħallsu. Xehed li mal-imputat ma kkomunikawx dwar dan minħabba li ma kinux isibuh fl-uffiċju.

**Josephine Abela Bonello** xehdet li hi u ħuha, li kien laħaq miet, kienu biegħu l-arja ta' xi garaxxijiet li kienu tal-ġenituri tagħhom lil Benny u Grace Caruana, permezz ta' kuntratt li kien ġie ppubblikat mill-imputat. Spjegat li lill-imputat kienu ħallsuh l-ammont dovut għall-insinwa permezz ta' flus kontanti, iżda sussegwentement irriżulta li dan il-kuntratt ma kienx ġie insinwat u l-konjuġi Caruana kienu qalulha li kellhom jerġu iħallsu.

**Ri-prodotta** xehdet illi n-nutar li għamlet referenza għalih fix-xhieda tagħha huwa l-imputat li għarfet fl-awla.

**Marion Aquilina** xehdet fir-rigward tal-kuntratt a *fol* 57 – 61 illi fil-15 ta' Awissu 2008 hi u żewġha Brian Aquilina kienu xtraw għalqa li tinsab is-Siġġiewi mingħand Agnes Camilleri, u l-kuntratt relattiv kien ġie ppubblikat mill-imputat li għarfet fl-awla. Xehdet li dakinhar tal-kuntratt kienu ħallsu dak kollu dovut, inkluż it-taxxi, lill-imputat, u kkonfermat li kienu ħallsu s-somma ta' €1,849 dovuta għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt. Qalet li sussegwentement kien għamlu rapport mal-pulizija peress li kienu skoprew li minkejja dan l-imputat qatt ma kien irreġistra dan il-kuntratt. Spjegat li hi u żewġha kienu saru jafu dan meta l-bank kien qed jagħmel ir-riċerki għaliex kienu ser jixtru dar u l-akkwist tal-għalqa ma deherx fuq dawn ir-riċerki. Xehdet li huma kienu marru jkellmu lill-imputat dwar dan, u l-ewwel kien qalilhom li kien ħallas, imbagħad beda jgħidilhom biex jagħtuh ċans għaliex kien ser jinsinwah, u żiedet li l-imputat qatt ma semmilhom li kien hemm xi diffikulta biex dan il-kuntratt jiġi rreġistrat. Xehdet li minħabba f'hekk huma marru għand nutar ieħor, reġgħu ħallsu l-flus dovuti għall-insinwazzjoni u l-kuntratt ġie rreġistrat. Żiedet li talbu lill-imputat sabiex jagħtihom lura l-flus li

għaddew lilu iżda huwa kien qalilhom li ma kienx f'posizzjoni li jagħmel dan peress li kellu l-flus miżmuma.

**In kontro-eżami** u mistoqsiha tiftakarx jekk l-imputat kellux bżonn xi pjanta biex ikun jista` jirreġistra l-kuntratt xehdet illi huma kienu għaddewlu din il-pjanta. Mistoqsija jekk l-imputat kienx qalilhom li din il-pjanta ma kinitx tajba wieġbet li kienu taw lill-imputat kollox.

**Oreste Cilia** xehed illi hu kienbiegħ fond li jinsab f'St Anthony Street il-Marsa lil James Aquilina fit-2 ta' Ġunju 2007, u l-kuntratt kien ġie ppubblikat mill-imputat. Xehed li dakinhar kienu saru l-ħlasijiet dovuti, inkluż għall-bollol u t-taxxa fuq qliegħ kapitali.

**Mario Camilleri** xehed illi huwa fis-26 ta' April 2013 huwa kien biegħ għalqa fil-limiti tas-Siġġiewi lil Giuseppi Aquilina, u kkonferma li d-dokument a *fol* 74 *et seq* huwa l-kuntratt in kwistjoni. Dan il-kuntratt ġie ppubblikat mill-imputat, li għaraf fl-awla. Xehed li dakinhar huwa kien għadda ħlas ta' €1,008 lill-imputat biex iħallas it-taxxa dovuta iżda qatt ma kienet waslet irċevuta mingħand tat-taxxa. Spjega li għalhekk kien mar għand avukat li kien għamel ir-riċerki u kien sar jaf illi dawn it-taxxi ma kinux tħallsu.

**L-Ispettur Kylie Borg** xehdet u esebiet vera kopja ta' sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata l-1 ta' Marzu 2012, immarkat bħala DOKXKB1, u ċ-ċertifikat tal-mewt ta' James Aquilina, immarkat bħala DOK XKB2.

**L-Ispettur Rennie Stivala** xehed li hu, flimkien mal-Ispettur Kylie Borg, ħadu l-istqarrija tal-imputat fit-8 ta' Ġunju 2015, wara li nfurmawh bid-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu. L-imputat kien irrilaxxa erba' stqarrijiet, fejn ftakkar kull każ li kellmuh fuqu u kien konxju li l-ammonti li kellhom jitħallsu ma kinux tħallsu. L-imputat kien qalilhom li dawn il-ħlasijiet li ma kinux isiru permezz ta' *bank draft* kien jiddepozitahom f'*operating account* li kellu aċċess għalih u li kien jużah ukoll għall-ispejjeż personali tiegħu. F'xi każijiet ma kellux spjegazzjoni x'jagħti, bħal per eżempju għalfejn ma kienx irreġistra l-*causa mortis* tal-familja Cutajar. Ix-xhud spjega li kien hemm xi każijiet fejn il-pagament minn klijent kien issir permezz ta' *bank draft* maħruġ f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa u mgħoddi lill-imputat u l-imputat kien jużah biex iħallas it-taxxa ta' xi klijent ieħor. L-imputat kien qal li ma kienx ħallas xi taxi għaliex kien ġie milqut b'mandat ta' sekwestru, iżda mill-investigazzjonijiet tagħhom irriżulta li meta inħareġ dan il-mandat fil-kont kien hemm biss €25,000 li huwa ferm inqas mill-ammonti mħallsa komplessivament mill-vittmi f'dan il-każ.

**In kontro-eżami** xehed li l-imputat kien qalilhom li hu kellu operating account, clients account u visa, u meta l-clients account kien ikollu bilanċ negattiv il-bank kien awtomatikament jiġbed il-flus mill-kont l-ieħor. Mistoqsi jekk l-imputat qallux li fl-operating account kien jiddepożita il-flus kollha inkluż id-drittijiet tiegħu wieġeb illi l-imputat kien qallu li l-flus tal-klijenti għall-ħlas tat-taxxa u l-bolla kienu jiġu depożitati fil-clients account u d-drittijiet tiegħu u flus oħra fl-operating account, iżda kont kien jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tal-ieħor. Ikkonferma li l-imputat kien qallu li f'xi diversi kuntratti kien qed jistenna li l-klijent jgħaddilu xi pjanta jew

informazzjoni ulterjuri, u żied illi meta staqsewh jekk kienx informal ill-klijent bil-problema jew tah il-flus lura l-imputat kien qal li ma kien sar xejn. Mistoqsi jekk jafx li bint l-imputat hija nutar ukoll u bis-saħħa tagħha kien ġew irreġistrati numru ta' kuntratt xehed illi minn dak li jaf tramite x-xhieda li x-xehdu quddiem il-Qorti dawn il-klijent kellhom jerġu iħallsu l-ammont li kienu diġa ħallsu.

**Eunice Grech Fiorini** xehdet illi ma kienx sar appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-1 ta' Marzu 2012 u li l-multa imposta f'din is-sentenza tħallset fit-30 ta' Settembru 2013, preżentat Dok EF1 u EF2 li jikkonferma dan.

**Joanna Bartolo,** in rappreżentanza tal-BOV xehdet illi mir-riċerka li għamlet sabet li l-imputat kellu sitt kontijiet mal-bank bejn l-1975 u l-4 ta' Marzu 2019.

**Alice Mifsud Brimmer,** in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc, xehdet illi l-imputat kellu żewġ credit cards u numru ta' kontijiet bankarji. Ix-xhud ġiet ukoll mitluba tikkonferma jekk iċ-ċekk tal-HSBC numru 3581 fl-ammont ta' €3060 datat 23 ta' Ottubru 2013 ġiex imsarraf jew depożitat f'xi kont (immarkat fl-atti bħala DOK BC3), xehdet illi dan iċ-ċekk ġie negozat mac-Central Bank u esebiet kopja elettronika tiegħu. Dwar iċ-ċekk tal-HSBC numru 964 fl-ammont ta' €622 datat 29 Ottubru 2013 u maħruġ minn Benjamin u Grace Caruana (immarkati in atti bħala DOK BCX1) xehdet li dan iċ-ċekk kien negozat mal-BOV. Dwar iċ-ċekkijiet tal-HSBC immarkat bħala DOK BCX2 fl-ammont ta' €1,275 u €3,060, xehdet li t-tnejn ġew negozjati mac-Central Bank. Kjarifikat li meta tgħid li ċekk ikun ġie negozjat dan ifisser li ċ-ċekk ikun ġie msarraf u l-flus ikunu ħarġu mill-kont tal-klijent li jkun għamel iċ-ċekk. Ix-xhud preżentat ukoll DOK AMB12 u DOK AMB13 li huma ċekkijiet li ġew ritornati lil bank biex jiġi *cleared* wara li mar ic-Central Bank, u dawn iċ-ċekkijiet kienu ġew ritornati fil-25 ta' Mejju 2017 u fis-7 ta' Awissu 2017.

**Brigette Grixti**, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni xehdet (*fol* 474 – 477) u tat rendikont il-ħlasijiet li saru fir-rigward atti ta' *causa mortis* li ġew ippubblikati mill-imputat għall-allegati vittmi f'din il-kawża:

i. Carmelo Cutajar: ma nstabux atti jew ħlasijiet relattivi għall-4 ta' Ġunju u d-29 ta' Mejju 2008, iżda sabu att *causa mortis* u ħlas li saru fid-19 ta' Diċembru 2014 min-Nutar Dr. Jessica Said (DOK BG1).
ii. James Aquilina: il-*causa mortis* kienet datata 5 ta' Marzu 2008 iżda ddaħħal f'Ottubru 2014 mill-imputat għalkemm ma saru l-ebda ħlasijiet, imbagħad iddaħħal att korrettorju minn Nutar Dr. Jessica Said u sar ħlas fuqu minn Joseph Aqiulina u Mary Aquilina ta' €88.80 kull wieħed.
iii. Lawrence Bonello, Josephine Abela u Benjamin u Grace konjuġi Caruana: ma nstabu l-ebda *records.*

**Lorraine Attard,** in rappreżentenza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet (*fol* 568) b'referenza għaċ-ċekk tal-BOV numru 208 maħruġ mill-kont numru 40016021350 illi ma nstabu l-ebda records fil-bank HSBC dwar dan iċ-ċekk.

**In kontro-eżami** xehdet illi l-fatt li l-bank m'għandux records fuq dan iċ-ċekk ma jfissirx li ma ssarrafx iżda biss li ma ġiex negozjat fil-bank HSBC.

**In-Nutar Dr Keith Francis German** xehed li huwa għandu l-*"good will"* tal-imputat, u ċioe huwa kellu jiġbor ix-xogħol tiegħu, iżda sal-ġurnata tad-deposizzjoni tiegħu, u ċioe l-10 ta' Marzu 2021, kien għadu ma ġabrux, u dan minkejja li anke offra l-assistenza tiegħu lill-imputat biex isir dan. Xehed illi Brian u Marion Aquilina kienu marru għandu dwar kuntratt data 15 ta' Awissu 2008 li kien sar ma' Agnes Camilleri u kien ġabar il-boll u l-*capital gains* mingħandhom biex seta' jirreġistra l-kuntratt. Fir-rigward tal-kuntratt data 26 ta' April 2013 bejn Mario Camilleri u Joseph u Mary Aquilina huwa kellu jirreġistra l-kuntratt u għalhekk kellu jiġbor mingħandhom il-boll fl-ammont ta' €470 u l-*capital gains tax* fl-ammont ta' €1,008. Fir-rigward tal-kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2007 li sar bejn Oreste Cilia u James Aquilina huwa kien irreġistra l-kuntratt wara li James Aquilina ħallas is-somma ta' €605.64 bħala boll u s-somma ta' €1,059.87 bħala *capital gains tax.* Fir-rigward tal-kuntratt data 22 ta' Ottubru 2013 bejn Lawrence u Josephine Bonello u Benjamin u Grace Caruana huwa kien irreġistra l-kuntratt wara li l-konjuġi Caruana kien ħallsuh is-somma ta' €1,020 bħala boll u s-somma ta' €3,060 bħala *capital gains tax.* Xehed li huwa kien għamel dan ix-xogħol peress li bħala Notary keeper il-persuni msemmija ma kellhomx rimedju ieħor ħlief li jmorru għandu biex il-kuntratt li kien għamlu jiġi rreġistrat u żied li kollha kienu qalulu li n-nutar li kienu marru għandu oriġinarjament kien l-imputat. Ix-xhud preżenta numru ta' dokumenti li jikkonfermaw l-informazzjoni mogħtija fix-xhieda tiegħu.

**Ri-prodott** xehed illi l-kuntratt li sar bejn Nicholas Sciberras u Mark Azzopardi kien irreġistrah hu bħala Nutar Konservatur tal-imputat. Xehed li mill-lista ta' disa` kuntratt li kien ingħata mat-taħrika ħamsa biss hemm reġistrati, u dawn kienu kollu rreġistrahom hu, filwaqt li l-bqija baqgħu mhux reġistrati. Huwa preżentati lista ta' dokumenti, immarkati kollettivament bħala DOK KFG1 (*fol* 694 *et seq*) li huwa dawn il-ħames kuntratti li kien irreġistra hu.

**In kontro-eżami** mistoqsi hekk huwiex possibli li l-kuntratti li ma rreġistrax ix-xhud ġew reġistrati tramite nutar ieħor wieġeb li mhux possibli peress li dawn il-kuntratti setgħu jiġu reġistrati minnu biss bħala n-nutar konservatur. Qal li filwaqt li ma jistax jgħid b'ċertezza li dawn l-erba' kuntratti ma ġewx irreġistrati, l-indikazzjoni hija li filfatt ma ġewx irreġistrati peress li ma ġietx indikata in-nota tal-insinwa fil-marġini.

**L-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia** xehdet illi l-imputat huwa separat, jgħix waħdu u rtirat mill-professjoni tiegħu ta' nutar. Huwa m'għandux flus fuq ismu iżda għandu s-sapport tal-familja tiegħu. Xehdet li l-fedina penali tiegħu tinkludi tlett kawżi oħra b'akkużi simili għal dawn odjerni. Spjegat li jkun ta' benefiċju għall-imputat li jkompli jiġi ssapportjat mill-familja tiegħu, jkompli jattendi Gambling Anonymous kif diġa qed jagħmel, u li f'każ ta' ħtija il-vittmi jiġu kkumpensati tad-danni li soffrew minħabba dawn ir-reat biex l-imputat ikun qiegħed ipatti tal-aġir tiegħu. Ix-xhud preżentat *social inquiry report* immarkat bħala DOK MRF1 (*fol* 661 *et seq)*

**L-imputat Philip Said** xehed illi huwa ħadem bħala nutar bejn l-1983 u l-2014 meta ċeda l-*warrant.* Dwar iċ-ċirkostanzi li wasluh sabiex iċedi l-*warrant* spjega illi kellu xi problem dwar il-VAT u l-warrant tiegħu kien ġie sospiż. Mistoqsi jekk kellux problem finanzjarji xehed li ma kellux, iżda kellu biss problema dwar VAT.

Żied li pero kien hemm żmien fejn ħaseb li kien fuq fuq kuntratt barra minn Malta iżda dan kien biss *scam*, li kien affetwah f'xogħolu peress li ma kinux iħallsuh mill-ewwel u għalhekk kellu joqgħod jibbilanċja l-kontijiet. Spjega li huwa kellu *operating account* fejn kien jiddepożita l-flus li jgħaddulu l-klijenti għall-ħlasijiet ta' bollol u taxxi, filwaqt li d-drittijiet tiegħu kien jgħaddihom lil martu. Xehed li xi drabi ma kinux iħallsu fil-pront u għalhekk biex jilħaq jirreġistra kien jieħu l-flus mill-*operating account* u minħabba f'hekk xi kultant sakemm dawn iħallsu ma kienx ikun possibli li jmexxi ċertu affarijiet.

Dwar Pauline Vella u Anthony Gauci xehed li huwa kien għamel il-konvenju u mir-riċerki kien irriżultalu li kien hemm *missing link* fil-provenjenza, u għalhekk kien bagħat għax-xerrejja u spjegalhom il-konsegwenzi tal-fatt li l-provenjenza mhux ċara iżda Anthony Gauci baqa' jinsisti li jsir il-kuntratt. Żied li kien hemm diffikulta oħra għaliex kienu ġabulu pjanta li kienet daħlet fuq proprjeta ta' ħaddieħor u Pauline Vella ma kinitx taf bi preċiżjoni fejn hi din il-proprjeta, u filfatt kienu marru jkellmuh xi nies u qalulu li dawn kienu daħlu fuq il-proprjeta tagħhom. Qal illi għalhekk dan il-kuntratt baqa' pendent għax il-Land Registry żgur li kienu ħa jikkoreġuh minħabba din il-problema tal-provenjenza. Xehed li peress li kienu baqgħu jisfurzawh il-kuntratt kien għamlu iżda baqgħu ma ħadulux il-pjanti u għalhekk ma setax imexxi peress li l-art kienet tinsab f'*compulsory registration area.*

Dwar il-kuntratt li sar bejn Richard Gauci u Jeffrey Paul Mifsud xehed li din kienet l-istess proprjeta li kien għadu kif xehed dwarha u għalhek kellha l-istess problemi.

Dwar il-*causa mortis* li kienet saret minn Nikolina u Donald Cutajar fl-2008 xehed illi hawnhekk kien għamel żball hu peress li kienu saru xi emendi fejn il-konjugu sopraviventi seta' ma jiddikjarax ir-residenza, u kien wara li skopra li għalkemm m'hemmx taxxa x'titħallas xorta waħda trid tiġi rreġistrata. Spjega li din il-proprjeta kienet taqa' f'*compulsory registration area.* Xehed li kienet daħlet bintu fiha din il-biċċa tax-xogħol u hu kien mingħalih li kienet irreġistrat kollox meta filfatt ma kienx hekk.

Fir-rigward tal-kuntratt bejn Benjamino Caruana, Joseph Aquilina, Maria Aquilina, James Aquilina, Brian Aquilina u Miriam Aquilina xehed li Brian Aquilina kien mar għandu biex jixtri xi kmamar il-Marsa u sakemm għamlu l-konvenju u ġie biex jirreġistra l-kuntratt Brian Aquilina kien ġie nieqes. Qal li peress li kien miet *ab intestato* u ma kellux tfal, l-eredi tiegħu kien il-ġenituri u għalhekk ma kienx hemm taxxa x'titħallas fuq id-denunzja. Żied li pero meta kienu ddeċidew li jifdu ċ-ċens l-avukat li kienu marru għandu kien insista li kellhom jidħlu l-aħwa u allura kien hemm *partition tax* dovuta, għalkemm f'ammont żgħir.

Dwar il-kuntratt ta' Agnes Camilleri xehed li meta kienu ħadulu l-pjanta kien irriżulta li l-pjanta kienet ġiet immarkata ħażin u marret fuq proprjeta ta' ħaddieħor. Qal li għalhekk kellhom jikkoreġu l-pjanta. Mistoqsi għalfejn ma kienx ġie rreġistrat il-kuntratt xehed li dan kien minħabba li ma kienx qed ilaħħaq minħabba l-pressjoni tax-xogħol.

**In kontro-eżami** xehed illi kellu jieqaf jaħdem minħabba l-mandat ta' sekwestru li kien inħareġ kontra tiegħu. Żied li dan il-mandat ta' sekwestru kien inħareġ fl-2014 u kien ikopri s-somma ta' €6,000. Mistoqsi jekk jaqbilx li mill-operating account kien ikopri spejjeż personali bħal ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma u xirjiet mis-supermarket wieġeb illi le għaliex dan il-kont kien jużah purament għax-xogħol. Meta reġa ġie mistoqsi dwar kif kien juża l-operating account qabel illi kienu jagħmel ħlasijiet personali minnu iżda qal li kien jiddepożita dawn il-flus lura. Mistoqsi sabiex jispjega fuq l-iscam li semma fix-xhieda tiegħu in eżami xehed illi hu kien mingħalih li kien qiegħed fuq kuntratt ma' nies barranin, Global Security u Prestige Shipping, li riedu jġibu xi affarijiet Malta u kienu qed ifittxu persuna legali "*as a point of reference"* u kien għamlu kuntatt miegħu. Mistoqsi kemm kien l-ammont ta' flus li tilef f'din l-iscam xehed li l-ammont kien ta' ċirka Lm10,000, u li dan l-ammont kien ħarġu fi ħlas wieħed mill-flus depożitati fl-*operating account.* Mistoqsi jekk kienx għad baqa' flus fil-kont wara li ħareġ dan l-ammont wieġeb li kien baqa' bilanċ "*healthy."* Mistoqsi jispjega għalfejn l-allegati vittmi f'din il-kawża qed jgħidu li ħallsuh iżda hu ma rreġistralhomx il-kuntratti u ma tahomx il-flus lura xehed li dawn il-kuntratti kellhom problema ta' pjanti, kejl, reġistrazzjoni u pjanti li ma kinux eżatti. Xehed li ħafna *bank drafts* kienu skadew u għalhekk ma setgħax imexxi. Qal li ħadd qatt ma kien mar jitlob il-flus lura u hu kien prova jispjega l-posizzjoni li kien jinsab fiha. Ikkonferma li huwa kien juża *bank drafts* li kien jgħaddilu klijent biex iħallsu it-taxxi dovuti minn klijent ieħor.

Fir-rigward tal-kuntratt ta' Gauci kkonferma li l-klijenti kienu għaddewlu Lm4,400 f'April 2008 bħala taxxa u bolla. Mistoqsi x'sar minnhom dawn il-flus wieġeb li jekk tħallsu permezz ta' *bank draft* jista' jkun li għadhom għandu, u żied "jekk qed tgħid li ssarfu, allura marru fuq xi kuntratt ieħor." Mistoqsi kif jista' jispjega l-fatt li f'din il-kawża hemm diskrepanza ta' xi €19,000 fuq ħames jew sitt kuntratti wieġeb "F'dan l-istadju le, ma nistax nispjega."

Dwar il-*causa mortis* li Nikolina Cutajar kienet qabditu biex jagħmel u mistoqsi x'għamel bil-flus li kienet għadditlu wieġeb "At this stage ma nistax ngħid eżatt biex inkun preċiż."

Dwar il-każ ta' Benjamino Caruana u mistoqsi x'sar mis-somma ta' €3,060 li kien tawh għall-ħlas tal-bolla xehed li l-vendituri kienu qed ibiegħu xi garaxxijiet bl-arja tagħhom il-Qawra u fid-denunzja kien ġie dikjarat bi żball li l-ammonti kollha daħlu fuq l-arja li kienu qegħdin ibiegħu u kien hemm bżonn li ssir korrezzjoni fuq l-att. Mistoqsi jekk jiftakarx li fl-istqarrija tiegħu kien qal lil pulizija li huwa ma kienx irritorna lura dawn il-flus għaliex probabilment ħallas kontijiet ta' ħaddieħor wieġeb li jiftakar jgħid dan.Mistoqsi minn hu Joseph Muscat wieġeb li hu ir-raġel ta' oħtu u kkonferma li fl-istqarrija tiegħu kien qal li lil Caruana kien qalilhom biex joħroġu ċekk ta' €622.80 fuq isem dan Joseph Muscat għaliex kieku iċ-ċekk sar fuq ismu ma kienx ikun jista' jsarrfu.

Dwar il-kuntratt li kien sar bejn Agnese Camilleri u Brian u Marion Aquilina xehed li Aquilina kienu għaddewlu l-flus għall-ħlas ta' bolla u taxxa in kontanti, u mistoqsi kif intużaw ladarba l-kuntratt ma ġiex irreġistrat wieġeb "m'għandix risposta." Mistoqsi jekk hux f'posizzjoni li jirritornahom lura bħalissa wieġeb li mhuwiex għaliex għandu mandat ta' sekwestru u ordni ta' friżar kontra tiegħu. Mistoqsi jekk il-flus humiex qiegħin għandu wieġeb li mhumiex u li issa l-pensjoni biss għandu.

**In ri-eżami** xehed illi huwa kellu operating account wieħed u fih kien jiddepożita l-flus li jgħaddulu l-klijenti wara li jnaqqas minnhom id-drittijiet tiegħu.

L-imputat preżenta nota fit-13 ta' Mejju 2024 permezz ta' liema preżenta numru ta' mandati ta' sekwestru li kienu inħarġu fil-konfront tiegħu fis-snin 2019, 2022, 2014, 2013, u 2023.

**Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, Franklin Calleja,** xehed u preżenta verbal tat-28 ta' Novembru 2018 fil-kawża Il-Pulizija vs Philip Said fejn il-Qorti tal-Maġistrati, diversament presjeduta, kienet laqgħet t-talba għall-ħruġ ta' ordni ta' friżar u s-sekwestru f'idejn terzi tal-assi tal-imputat, u preżenta żewġ dokumenti f'dan ir-rigward immarkati bħala DOK FCA1 u DOK FCA2. Preżenta wkoll kopja ta' rikors li kien ġie intavolat mill-parte civile fid-19 ta' Frar 2021 (immarkat bħala DOK FCAX1) u rikors ippreżentat mill-imputat fl-10 ta' Marzu 2023 li ġie degretat fid-19 ta' Ġunju 2024 immarkata bħala DOK FCAX2).

**Ikkonsidrat;**

<u>L-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni</u>
Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jiġi addebitat bir-reat ta' approprjazzjoni bla jedd ikkontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, biċ-ċirkostanza aggravanti illi d-delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju kif ikkontemplat fl-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali.
Dwar l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et** deċiża mid-9 ta' Ġunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa ohra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor."

L-awtur Antolisei jispjega r-reat ta' approporjazzjoni bla jedd b'dan il-mod:

> "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*."[1]

Il-Qorti rat ukoll illi l-awtur Maino jispjega l-elementi tal-approprjazzjoni bla jedd b'dan il-mod:

> "2649: *Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*
> *Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi b'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato-*

[1] F. Antolisei, Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milan, 1986) Parte Speciale, Vol. I, pġ. 276.

*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendolo in uso proprio –*
*Che cioe abbia fatto un dolo*."

Relevanti wkoll il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deċiża fl-14 ta' Frar 1997:

"Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l-użu jew użu divers."

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Distefano** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Jannar 2024 fejn intqal hekk:

"Għalhekk in riassunt, l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, huma dawn li ġejjin:-
1. Illi 1-pussess tal-haġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk, biex ma jkunx hemm ekwivoċità li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lillaġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula con l'animo di spostarsi del possesso, għax altrimenti, jiffigura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq;
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, ċioè tal-proprjetà, għaliex f'dan il-każ ma jiffigurax l-element tal- azzjoni indebita;
3. Illi l-oġġett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt, jagħmel tiegħu l-ħaġa, ċioè japproprja ruħu minnha, jew ibiegħha, jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio;"
5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat, li japproprija ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor."

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi addebitat bir-reat ta' truffa jew frodi nnominata ikkontemplati fl-artikolu 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, bl-addizzjoni tal-gravanti tal-valur ikkontemplata fl-artikolu 310(1)(a).

Dwar dan ir-reat, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Glen Debattista** deċiża fil-11 ta' Settembru 2013 ġie spjegat hekk:

> "Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei f' Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354 jghid hekk:
>
> Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.
>
> La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:
> 1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;
> 2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;
> 3) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.
>
> Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta 'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa: Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent….. liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata (Vide Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997).
>
> Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa Antolisei jghid hekk:
>
> l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno.. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale …. e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche …. essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in

conseguenza dell'errore, e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui.

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent.

Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata." (Vide Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata)."

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Diċembru 2011 fejn intqal hekk dwar ir-reati kkontemplati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali:

"Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:

'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per

se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'

Antolisei jkompli jghid pero li

'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, kunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."

Mill-atti jirriżulta illi l-allegati vittmi f'dawn il-proċeduri għaddew is-segwenti ammonti lill-imputat:

| **Allegat Vittma** | **Att** | **Ammont** |
|---|---|---|
| Anthony u Theresa Gauci (boll)<br>Pauline Vella (taxxa) | Kuntratt tat-30 ta' April 2008 | €1,164<br>€2,795.25 |
| Richard, Anthony u Theresa Gauci (boll)<br>Jeffrey Paul Mifsud (taxxa) | Kuntratt tal-5 ta' Settembru 2010 | €984<br>€410 |
| Nikolina u Donald Cutajar | *Causa Mortis* tad-29 ta' Mejju 2008 | €5,264.12 |
| Benjamino u Grace Caruana (taxxa) | Kuntratt tat-22 ta' Ottubru 2013 | €3,060 |
| Joseph u Maria Aquilina (boll)<br>Oreste Cilia (taxxa) | Kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2007 | €725.71<br>€1,059.86 |
| Joseph u Maria Aquilina (boll)<br>Joseph u Maria Aquilina (taxxa) | Kuntratt tas-26 ta' April 2013 | €470<br>€1,008 |
| Brian u Marion Aquilina (boll)<br>Agnes Camilleri | Kuntratt tal-15 ta' Awissu 2008 | €470<br>€1,128 |

L-imputat stess ma jinnegax illi l-individwi msemmija kienu għaddewlu l-ammonti indikati fit-tabella t'hawn fuq, u dan biex jitħallsu l-boll u t-taxxa dovuti ħalli jkunu jistgħu jiġi rreġistrati l-atti pubbliċi msemmija.

Wara li eżaminat il-provi prodotti, il-Qorti tqis r-reat ta' truffa ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax u dan billi ma jirriżultax li l-imputat impjega xi raġġiri jew artifizji sabiex jingħata l-ammonti indikati hawn fuq.

Pero, il-Qorti tqis illi r-reat tal-approprjazzjoni bla jedd, ikkontemplat fl-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, jinsab suffiċjentement pruvat. L-ewwel tlett elementi u dan ir-reat huma sodisfatti u dan billi m'hemmx dubbju li l-flus, li huma oġġetti mobbli, ingħataw lill-imputat volontarjament iżda mingħajr trasferiment tad-dominju, biex jagħmel użu speċifiku minnhom, u ċioe iħallas il-boll u t-taxxa dovuta biex jiġu rreġistrati l-kuntratti relattivi. Fir-rigward imbagħad tar-raba` element, il-Qorti tosserva li kien l-imputat stess bix-xhieda mogħtija minnu quddiem din il-Qorti li effettivament ammetta li għamel użu minn dawn il-flus għal għan differenti minn dak li għalih kienu għaddewlu l-flus il-vittmi f'dan il-każ u għal vantaġġ jew kumdita tiegħu. L-imputat stess *ex admissis* quddiem il-Qorti qal illi l-flus konsenjati lilu mill-klijenti biex jiġu rreġistrati l-kuntratti pubblikati minnu kienu jiġu depożitati f'*operating account* wara li jitnaqqas minnhom id-dritt dovut lilu, u minn dan l-*operating account* kien ukoll iħallas spejjeż personali, kif jidher ampjament mir-rendikonti bankarji preżentati in atti, u saħansitra qal li kien tilef Lm10,000 li ħallas minn dan il-kont f'dak li mingħalih kien ser ikun negozju lukrattiv iżda li spiċċat kienet truffa. Anke fir-rigward ta' dawk l-ammonti li ġew mgħoddija lilu permezz ta' *bank draft* f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi, l-imputat *ex admissis* bil-ġurament qal li huwa kien juża il-*bank draft* ta' klijent partikolari biex iħallas it-taxxa dovuta minn klijent ieħor.

Fir-trattazzjoni finali id-difensur tal-imputat argumenta illi l-imputat ma kienx f'posizzjoni li jirreġistra l-kuntratti in kwistjoni minħabba intoppi, bħal per eżempju għaliex ma kienx ingħata l-pjanta meħtieġa. Il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa. L-ewwel nett, mix-xhieda tan-Nutar Dr. Keith German ma jirriżultax li kellu xi diffikulta biex jirreġistra dawn il-kuntratti. Fi kwalunke każ, jekk verament kien hemm diffikultajiet leġittimi li waqqfu lill-imputat milli jirreġistra l-kuntratti in kwistjoni, huwa kellu jew jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għal dan biex jirregolaw il-posizzjoni tagħhom jew jagħtihom il-flus lura. Mill-atti jirriżulta li l-imputat m'għamel xejn minn dan, u li filfatt meta l-klijenti kienu qed imorru għandu għaliex kienu għadhom ma rċevewx l-irċevuta tal-ħlas kien jew jassigurahom li kien hemm kollox kif suppost u li għalhekk ma rċevew xejn, jew jitlobhom biex jagħtuh aktar żmien biex imur jirreġistra l-kuntratt mingħajr ma jindikalhom li kien hemm xi nuqqas li kien qiegħed leġittimament iżommu milli jirreġistra dawn il-kuntratti. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-imputat ma raddx lura l-flus mgħoddija lilu mill-allegati vittmi f'dawn il-proċeduri, u dan minkejja li dawn l-atti qatt ma ġew irreġistrati minnu.

Ġie argumentat ukoll li l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jisraq lill-klijenti tiegħu jew juża l-flus li għaddewlu għal skopijiet oħra, u li l-imputat m'għamel xejn ħażin għaliex uża l-*operating account* biex jagħmel ħlasijiet ta' natura personali, peress illi l-flus li jkunu għaddewlu l-klijenti kienu jinkludu wkoll id-drittijiet professjonali tiegħu. Il-Qorti tosserva pero li dan l-argument mhuwiex sorrett mix-xhieda tal-imputat stess, li qal u kkonferma bil-ġurament tiegħu li fl-*operating account* kien jiddepożita biss l-ammonti moħoddija lilu għal ħlas tal-boll u t-taxxa, wara li jnaqqas l-ammont dovut għad-drittijiet professjonali tiegħu, liema ammont kien jgħaddi lil martu.

Id-difiża targumenta li dawn l-atti ma ġewx irreġistrati purament minħabba diżorganizzazzjoni fit-tmexxija tal-prattika professjonali tal-imputat, mingħajr il-*mens rea* meħtieġa għas-susisstenza ta' reat, għaliex id-disorganizzazzjoni

mhijiex reat, u din id-disorganizzazzjoni waslet biex l-imputat isofri problemi finanzjarji li wasluh sabiex ma jkunx kapaċi jonera l-obbligi professjonali li kien assuma. Il-Qorti pero ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Mill-atti jirriżulta li n-nuqqas tal-imputat li jirreġistra l-atti in kwistjoni kien dovut għal aktar minn sempliċi disorganizzazzjoni. L-imputat beda jagħmel użu liberali tal-flus depożitati fl-*operating account* daqslikieku dawn kienu tiegħu, meta huwa stess fix-xhieda tiegħu qal li l-flus depożitati f'dan il-kont ma kinux jinkludu d-drittijiet professjonali tiegħu, u għalhekk kien jaf li ma seta' jagħmel l-ebda użu minnhom ħlief li jħallas il-boll u t-taxxa tal-persuni li kienu għaddewlu dawk l-ammonti biex b'hekk jirreġistra l-att pubbliku relattiv.

Dwar il-*mens rea* ta' dan ir-reat Maino jgħid hekk:

> "*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo*."[2]

Il-Qorti tqis għalhekk li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova anke l-element intenzjonali ta' dan ir-reat. Mix-xhieda tal-imputat stess jirriżulta *ex admissis* li l-imputat uża flus li kien jaf li kien tgħaddew lilu biss biex iħallas taxxi u bolla ħalli jirreġistra atti ppubblikati minnu, għal skopijiet differenti u ċioe biex iħallas spejjeż personali tiegħu, biex jipprova jinvolvi ruħu f'negozju biex jagħmel profitt, jew biex iħallas il-boll u t-taxxa ta' klijent differenti. Dan kollu sar mhux biss mingħajr il-

[2] Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pġ. 105–106. Ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole** deċiża fit-23 ta' Diċembru 2003.

kunsens tal-persuni involuti iżda wkoll ghall-insaputa tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat huwa ħati ta' approprjazzjoni bla jedd kif qed jiġi akkużat permezz tal-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement, l-imputat għandu jiġu lliberat mit-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, liema imputazzjoni tista tissussisti biss jekk il-qligħ ikun ġie magħmul b'xi qerq mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti.

<u>It-tielet, raba`, ħames u sitt imputazzjoni</u>
Mix-xhieda tan-Nutar Joseph Abela jirriżulta li l-imputat kien ħa l-warrant ta' nutar f'Ġunju 1983 u kien irrinunzja għall-istess warrant b'effett mill-5 ta' Mejju 2016. Skont il-liġi in-nutara huma meqjusa bħala uffiċjali publiċi u dan kif jirriżulta mill-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> "In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati lijirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawnl-atti jew testmenti."

Għalhekk l-elementi tal-eżistenza tal-figura ta' uffiċjal pubbliku meħtieġa għal dawn it-tlett imputazzjoni tinsab sodisfaċentement pruvata.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, li titratta r-reat kontemplat fl-artikolu 127(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deċiża fil-31 ta' Mejju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li kienet għamlet is-segwenti osservazzjoni dwar dan ir-reat:

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa.
>
> Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: "Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion"

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjoni magħmul minnha aktar il-fuq dwar l-approprjazzjoni bla jedd kommess mill-imputat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjoni, u tal-fatt li dan ir-reat ġie kommess meta l-imputat kien nutar pubbliku, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tinsab suffiċjentement pruvata.

Fir-rigward tal-ħames u r-raba` imputazzjoni, peress li l-imputazzjoni ta' approprjazzjoni bla jedd ġiet suffiċjentement pruvata, u wkoll li dan ir-reat ġie kommess meta l-imputat kien qiegħed jeżerċita l-professjoni ta' nutar pubbliku, il-Qorti tqis li dawn ir-reati, ikkontemplat fl-artikoli 138 u 141 tal-Kodiċi Kriminali ġie suffiċjentement pruvat. Il-Qorti tqis bl-istess mod li s-sitt imputazzjoni tinsab ukoll suffiċjentement pruvata, ikkonsidrat li ġie pruvat, u del resto lanqas ma ġie kontestat mill-imputat, li ma tħallsux il-boll u t-taxxi dovuti għar-reġistrazzjoni tal-kuntratti tal-vittmi f'dan il-każ.

<u>Is-seba' imputazzjoni</u>
Permezz tas-seba` imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bl-addebitu tar-reċediva. Il-Qorti rat illi mix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini jirriżulta li l-imputat kien instab ħati permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 1 ta' Marzu 2012. Minn din is-sentenza ma kienx sar appell u jirriżulta li l-multa ta' €700 imposta f'din is-sentenza tħallset fit-30 ta' Settembru 2013, kif jidher minn Dok EF1 u EF2. Il-Qorti rat pero illi apparti l-multa ta' €700, dik il-Qorti kienet ordnat lill-imputat sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien tlett xhur mis-sentenza u fin-nuqqas ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €15 kuljum. Illi għalhekk biex l-imputat jitqies li skonta is-sentenza imposta fis-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012 il-prosekuzzjoni kien jeħtieġilha tressaq prova dwar jekk u meta l-imputat ikkonforma ruħu mal-liġi u ħallas kwalunke multa addizzjonali prevista fis-sentenza. Peress li prova ta' dan ma tressqitx, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni, fid-dawl ta' dak provdut fl-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Konsiderazzjonijiet dwar il-piena</u>
Il-Qorti tosserva illi l-ewwel, ir-raba' u l-ħames u s-sitt imputazzjoni li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati huma kollha reati kompriżi fir-reat l-aktar gravi, suġġett tat-tielet imputazzjoni, u ċioe dak kontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk skont l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali għandha tingħata piena waħda għar-reat kollha, liema piena għandha tkun dik stabbilita fl-artikolu 127 bħala r-reat l-aktar gravi. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena stabbilita fl-artikolu 127 qed tiżdied bi grad, u għalhekk skont il-liġi hija ta' tlett snin sa seba' snin priġunerija.

Fil-kalibrar tal-piena xierqa f'dan il-każ, il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li r-reati mertu ta' dawn il-proċeduri ġew kommessi mhux biss meta l-imputat kien jeżerċita l-professjoni ta' nutar iżda proprju għaliex kien jeżerċita din il-professjoni, u għalhekk il-klijenti tiegħu kellhom jafdaw f'idejh ħlasijiet dovuti minnhom lill-gvern sabiex dawn isiru kif meħtieġ mill-ligi u l-kuntratti tagħhom jiġu debitament reġistrati. L-imputat, minflok ma għamel dak li obbliga ruħu li jagħmel, abbuża mill-posizzjoni tiegħu bħala uffiċjal pubbliku u mill-fiduċja li poġġew fih il-klijenti tiegħu u ħolqilhom preġudizzju serju. Mill-atti jirriżulta li ħadd mill-vittma tal-imputat ma ġew riżarċiti minnu tul il-pendenza ta' dawn il-proċeduri. Għalkemm l-imputat argumenta li dan kien għaliex kien iħareġ ordni ta' friżar fil-konfront tiegħu u r-rikors għar-rilaxxi tal-assi kien dam ma ġie degretat, il-Qorti tosserva li kif jirriżulta mid-digriet in kwistjoni stess, l-imputat ma kienx għamel użu mir-rimedju li tagħtih il-liġi sabiex jitlob ir-rilaxx tal-assi tiegħu wara li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu kien saru *res judicata* u għalhekk ir-

rikors li jirreferi għalih sar inutilment peress li ma ġietx segwita l-proċedura kontemplata fil-liġi.

Fl-istess ħin, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-eta` pjuttost avvanzata tal-imputat, li ġeneralment hija meqjusa bħala fattur mitiganti personali li għandu jittieħed in konsiderazzjoni fil-kalibrar tal-piena.[3] Il-mitigazzjoni tal-piena minħabba l-eta` tal-imputat pero dejjem trid tiġi bbilanċjata kontra l-gravita tar-reati kommessi minnu, u għandu dejjem jittieħed in konsiderazzjoni l-ewwel u qabel kollox f'dan ir-rigward jekk l-imputat huwiex ta' periklu għas-soċjeta. Il-Qorti qegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni il-fatt li din il-kawża damet pendenti ċirka tmien snin, u b'mod partikolari l-fatt illi f'dan iż-żmien kollu ma jidhirx li l-imputat ikkommetta xi reat ieħor. A kuntrarju, mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia jirriżulta li l-imputat aċċetta li għandu l-vizzju tal-azzard u li hemm bżonn li dan jiġi indirizzat u qed jattendi l-laqgħat ta' Gamblers Anonymous b'mod regolari.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi erogata f'dan il-każ. Ir-reati kommessi mill-imputat fil-vesti tiegħu bħala uffiċjal pubbliku huma serji, mhux biss minħabba d-dannu li kkawżaw lill-vittmi tiegħu iżda wkoll għaliex reati kommessi minn uffiċjal pubbliċi jagħmlu ħsara lis-soċjeta b'mod ġenerali billi jimminaw il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet. Pero, ikkonsidrat l-eta tal-imputat, it-tul ta' żmien li ħadu dawn il-proċeduri u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-kommessjoni tar-reati in kwistjoni, il-Qorti mhijiex tal-opinjoni li tlett snin priġunerija effettivi, li huma l-minimu li jistgħu jingħataw jekk tiġi erogata sentenza ta' priġunerija effettiva, huma piena idoneja f'dan il-każ. Dan partikolarment ikkonsidrat li l-interdizzjoni ġenerali perpetwa hija mandatorja f'dan il-każ, b'mod li ser ikun impossibli għall-imputat li jerġa jikkommetti r-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati wara li tingħata din is-sentenza. Il-Qorti tosserva illi apparti li sservi ta' difiża għas-soċjeta, l-interdizzjoni ġenerali perpetwa hija wkoll piena b'konsegwenzi wiesgħa u serji li serja ffetwaw tista' tgħid kull aspett tal-ħajja tal-imputat, tant illi l-imputat ser ikun qed jitlef il-kapaċita li jikkuntratta għalih innifsu u saħansitra ser jitlef id-dritt li jivvota, ossia li jipparteċipa fil-proċess demokratiku ta' pajjiżu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-interdizzjoni ġenerali perpetwa, flimkien ma' Ordni ta' Probation fil-massimu tiegħu sabiex jiġu żgurat li l-imputat jibqa' jattendi l-laqgħat tal-Gamblers Anonymous u jkun suġġett għal superviżjoni wara t-terminazzjoni ta' din il-kawża, abbinat ma' ordni ta' retituzzjoni favur il-vittmi, hija l-iktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

## Decide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 127(1), 293, 294, 138, 140, u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 50(a) u 50(c) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li issib lill-imputat mhux ħati tat-tieni u s-seba` imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnhom, issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba`, il-ħames u s-sitt imputazzjoni, u u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal

[3] Ara per eżempju: A. Ashworth, *Sentencing and Criminal Justice* (Cambridge, 4th ed, 2005) 176; M. Wasik, *A Practical Approach to Sentencing,* (Oxford, 5th ed, 2014) 69.

tlett snin, skont it-termini msemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Inoltre` il-Qorti, wara li rat l-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat Philip Said l-interdizzjoni ġenerali perpetwa u għal dan il-għan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat iħallas u jirrifondi, fi żmien sena mil-llum, lil:

i. Anthony u Theresa Gauci, is-somma komplessiva ta' €1,164;
ii. Pauline Vella, is-somma ta' €2,795.25;
iii. Richard, Anthony u Theresa Gauci, is-somma komplessiva ta' €984;
iv. Jeffrey Paul Mifsud, is-somma ta' €410;
v. Nikolina u Donald Cutajar, is-somma komplessiva ta' €5,264.12;
vi. Benjamino u Grace Caruana, is-somma komplessiva ta' €3,060;
vii. Joseph u Mary Aquilina, is-somma komplessiva ta' €2,203.71;
viii. Oreste Cilia, is-somma ta' €1,059.86;
ix. Brian u Marion Aquilina, is-somma komplessiva ta' €470;
x. Agnes Camilleri, is-somma ta' €1,128.

Illi f'każ ta' nuqqas ta' hlas mill-imputat, l-istess ammonti jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-artikolu 7(6) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara illi qabel ma għamlet l-ordni ta' *probation,* il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li jinftiehem x'inhu l-effett tal-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ordni jew jagħmel xi reat ieħor huwa jista` jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur